# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **54 / 2018**

**N. CALLEJA TRADING ENTERPRISES LIMITED**
[REG. NRU. C-16998]

***VERSUS***

**AARON GRECH**
[K.I. NRU. 493883M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Jannar, 2018 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf, erbgha mija, hamsa u hamsin ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€1,455.43c) rapprezentanti indenniz li l-attrici qed tezigi mill-konvenut. Fl-att promotur l-attrici tispjega illi l-konvenut kien impjegat maghha bhala *delivery man* mill-1 ta' Settembru, 2015 sat-13 ta' Settembru, 2016, impjieg li kien jirrikjedi li l-konvenut iwassal diversi konsenji ta' prodotti lill-klijenti ta' l-attrici permezz ta' vettura lilu provduta mill-istess attrici. L-attrici tikkontendi li l-prestazzjoni tal-konvenut fuq il-lant tax-xoghol ma kienetx wahda sodisfacenti tant illi fl-utilizz tal-vettura msemmija l-konvenut kkaguna numru ta' hsarat fuqha fl-ammont kumplessiv ta' €1,076.21c, wehel numru ta' multi u kontavvenzjonijiet marbuta mas-sewqan fl-ammont globali ta' €174.69c u wkoll tilef numru ta' oggetti li suppost kellhom jigu mqassma u konsenjati lill-klijenti ta' l-attrici fil-valur kumplessiv ta' €204.53c li qatt ma nstabu. L-attrici espressament talbet l-ispejjez gudizzjarji u drittijiet marbuta ma' dawn il-proceduri, izda omettiet li tissenjala jekk kienitx qed titlob ukoll l-imghax fuq l-indikat sorte.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' Mejju, 2018 (*a fol*. 30) u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghall-udjenzi mizmuma quddiem it-Tribunal wara tali notifika u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Minhabba tali omissjoni (kemm formali u kif ukoll ta' attendenza fizika), il-konvenut gie dikjarat fi stat ta' kontumacja skond dak previst fil-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu gie debitament registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' Mejju, 2018 (ara *a fol*. 30).

Fil-konfront ta' l-imsemmi konvenut gie prezentant kapitolu. Dan gie hekk prezentat mill-attrici fl-imsemmija udjenza ta' l-10 ta' Mejju, 2018 (ara *a fol*. 32) li gie dikjarat bhala misqarr fl-udjenza sussegwenti tas-6 ta' Gunju, 2018. Peress li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex iwiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigu emmnut, u dan ittiehed bhala mistqarr. Dan kollu gie puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi

deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejjha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfisserx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza *in re* **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "*il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.*"

Apparti l-imsemmija konfessjoni gudizzjali, it-Tribunal ha qies ta' dak registrat bil-gurament minn Christine Calleja u minn Nigel Calleja (dirigenti tas-socjetà attrici) illi entrambi kkonfermaw bil-gurament, *seduta stante*, affidavit minnhom imhejji waqt l-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 (*vide* verbal ta' l-udjenza relattiva).

Id-direttrici tas-socjetà attrici, Christine Calleja, sostniet illi, "*Jiena direttriċi tal-kumpanija N Calleja Trading Enterprises Ltd. flimkien mar-raġel tiegħi, Nigel Calleja. Din il-kumpanija topera fil-qasam tal-importazzjoni ta' prodotti ta' ikel u xorb li sussegwentement jinbiegħu lin-negozji u distributuri lokali. Illi n-natura tan-negożju li twettaq il-kumpanija jirrikjedi li jkollna impjegati li x-xogħol tagħhom ikun speċifikament li jikkonsenjaw dawn il-prodotti madwar Malta skond l-ordnijiet li nirċievu. Wieħed minn dawn l-impjegati kien propju Aaron Grech, li kontriħ kellna nibdew dawn il-proċeduri. Aaron beda jaħdem magħna fl-1 ta' Settembru, 2015*

*bħala delivery man u xogħlu kien jinvolvi t-tqassim ta' prodotti ġewwa diversi lukandi u ristoranti permezz ta' waħda mill-vetturi tal-kumpanija. Nixtieq nemfasizza li sa' minn ftit wara li beda' jaħdem magħna, Aaron beda' jittraskura f'xogħlu u kien pjuttost negliġenti u inaffidabbli. Dan minkejja li kemm jien, kif ukoll ir-raġel tiegħi, konna sikwiet niġbdulu l-attenzjoni għall-fatt li ma konniex kuntenti bil-prestazzjoni li kien jagħti fuq il-lant tax-xogħol, u li xtaqna li jagħmel sforz biex itejjeb il-ħidma tiegħu. Madanakollu, maż-żmien l-attitudini ta' Aaron kompliet taqleb għall-għar. Kien hemm bosta drabi fejn il-vettura tal-kumpannija li kien juża Aaron biex jagħmel il-konsenji kienet titgħabba bi prodotti li qatt ma kienu jaslu fid-destinazzjoni tagħhom, u wisq anqas jiġu ritornati lil kumpanija. Fi ftit kliem, Aaron kien jitlaq bil-vettura mgħobbija prodotti - wara li tali merkanzija kienet tiġi ċċekkjata mill-istore keepers tagħna - u dawn kienu jgħosfru għal kollox, mingħajr ma jknunu twasslu lid-destinatarji rispettivi tagħhom. Meta jiena u Nigel konna nikkonfrontaw lill-Aaron bin-nuqqas tal-prodotti, huwa kien iġġustifika dan b'allegazzjonijiet foloż illi tali prodotti qatt ma' ġew mgħobbija fil-vettura tal-kumpanija qabel ma' telaq bil-vjaġġ hu. Nikkonferma li dawn l-allegazzjonijiet huma għal kollox foloz, u dan ġie verifikat internament għaliex il-kumpanija żżomm records tal-prodotti kollha li jiġu mgħobbija biex jiġu kkonsenjati. Meta titlaq vettura mill-istore ikun ġja ġie ivverifikat x'tiġ ta' prodotti ġew mgħobbija u l-kwantita tagħhom. B'kollox irriżulta li ntiflu prodotti fl-ammont ta' €204.53 minħabba t-traskuraġni ta' Aaron. Aktar min hekk pero, nixtieq inżid li dan ma kienx l-uniku każ fejn Aaron naqas f'xogħolu. Fil-fatt, kien hemm saħansitra numru ta' drabi oħra meta Aaron kellu inċidenti bil-vettura tal-kumpanija jew weħel multi tat-traffiku waqt li kien qed iwettaq il-konesnji (ara Dok NC.2 u NC3 ippreżentati mal-avviż). Iżda anke f'dan ir-rigward, meta konna niġbdulu l-attenzjoni tiegħu għal dan kollu, Aaron kien sikwiet jinjorana kompetament. Kemm il-multi msemmija u kif ukoll il-ħsarat fil-vettura swew lill-kumpanija total ta' €1,280.74. Dan ifisser li l-ħsara li soffriet il-kumpanija N Calleja Trading Enterprises Ltd b'kollox tammonta għal bilanċ ta' €1,455.43. Eventwalment, minħabba l-komportament tiegħu fuq ix-xogħol, ittieħdet deċiżjoni li l-impjieg ta' Aaron jiġi terminat, u dan fil-fatt waqaf jaħdem mal-kumpanija fit-13 ta' Settembru, 2016*."

Id-direttur l-iehor tas-socjetà attrici, Nigel Calleja, afferma li, "*Jiena direttur tal-kumpanija N. Calleja Trading Enterprises Ltd. flimkien ma marti, Christine Calleja. Il-kumpanija tagħna topera fil-qasam tal-importazzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti ta' ikel u xorb fis-suq lokali. Jiena ukoll sirt naf lill-Aaron wara li dan beda jaħdem magħna f'Settembru tal-2015, u bħal Christine kont xhud kemm għad-diversi inċidenti li ġraw meta huwa kien għadu impjegat ma N. Calleja Trading, kif ukoll tal-attitudini traskurata u provokattiva li dan kellhu fuq il-post tax-xogħol. Mill-bqija, nikkonferma u naqbel ma dak kollu li ġie dikjarat fl-affidavit ta' Christine u nżid ngħid li l-konetnut tiegħu huwa fattwalment korrett*."

It-Tribunal ha ukoll konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti mill-attrici in sostenn tat-talba taghha, liema dokumenti gew mehmuza ma' l-att promotur ta' dawn il-proceduri. L-

attrici ezebit kopja tal-kuntrtt ta' impjieg tal-konvenut (*vide* minn *foll*. 2–5), kopji tar-ricevuti li jitkellmu dwar it-tiswija fuq il-vettura tal-kumpannija (*vide* minn *foll*. 6–10) u kopja tal-multi/kontravvenzjonijiet li kien wehel il-konvenut (*vide* minn *foll*. 11–18).

Fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici u ta' dak senjalat *supra* – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attur. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier [u anke kunsidrat dak li jrid u jghid l-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta], ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-kumpannija attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha s-somma ta' elf, erbgha mija, hamsa u hamsin ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€1,455.43c). It-Tribunal jordna illi l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq l-ammont ta' €1,455.43c ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sejha gudizzjarja, u cioè mis-26 ta' Jannar, 2018 sad-data tal-hlas effettiv u finali [*ex* Art. 1141(2) Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].[1] L-ispejjez gudizzjarji u drittijiet marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza *in re* **Costantino Abela v. George Azzopardi** (Appell Superjuri, 7 ta' Ottubru, 2005) u in re **Anthony Debono et v. Anthony Debono et** (Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008).